# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa**
**Tmienja u għoxrin (28) ta' Settembru 2021**

**Rikors Numru 17/2016 FDP**

Fl-ismijiet

**Media & Graphic Services Limited (C-5390)**

**Vs**

**Sarah Agius u Paula Maria Valletta għan-nom u in rappreżentanza tal-Kunsill Lokali – Ħaż-Żebbuġ**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors ta' Nicole Xuereb datat 8 ta' Jannar 2016, li permezz tiegħu talbet is-segwenti:

    1. *Peress illi l-Kunsill Lokali intimat talab s-servizzi tas-soċjeta' rikorrenti, liema servizzi ingħataw fit-totalita' tagħhom mis-soċjeta' rikorrenti*

    2. *Peress illi għall-istess servizzi s-soċjeta' rikorrenti għad għandha titħallas is-somma ta' €11,733. 36 mingħand il-Kunsill Lokali intimat u dan skond ma jirriżulta mill-kont hawn anness u mmarkat Dokument "A".*

    3. *Peress illi dan id-debitu huwa ċert, likwidu u dovut u l-intimat ma għandux eċċezzjonijiet x'jagħti u għalhekk il-kawża tista' tinqata' ai termini tal-artiklu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

    4. *Jgħid għalhekk l-intimat għaliex dina il-Qorti ma għandhiex (1) taqta' u tiddeċiedi l-kawża ai termini tal-Artiklu 167 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili u ċioe bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża u (2) tikkundannah iħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' €11,733.36 rappreżentanti il-bilanċ minn somma akbar għas-servizzi reżi mis-soċjeta' rikorrenti fl-interess u fuq istruzzjonijiet tal-istess intimat - kollox skond kif intqal fuq u għar-raġunijiet fuq premessi.*

5. *Bl-imgħax legali mill-14 ta' Mejju 2015 sal-ġurnata tal-effettiv pagament u bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra legali tat-22 ta' Diċembru 2015, tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju preżentat kontestwalment mal-preżenti, kontra l-intimat li minn issa jibqa' nġunt għas-subizzjoni tiegħu.*

2. Rat illi fil-5 ta' Frar 2016 il-Kunsill Lokali ta' Ħaż Żebbuġ irrisponda għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

   1. *Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li mhux minnu li l-Kunsill Lokali Ħaż Żebbuġ għandhom iħallsu bilanċ ta' ħdax il-elf, seba' mija u tlieta u tletin Ewro u sitta u tletin ċenteżmu (€11,733.36c) għas-servizzi reżi mis-soċjeta' rikorrenti u dan stante li, kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tar-rikors odjern, il-konsenja partikolari ta' reklamar, senjatament l-installazzjoni ta' tabelli fi Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, ma kinetx ordnata jew awtorizzata formalment mill-Kunsill Lokali Ħaż Żebbuġ u l-Kunsill ma kienx infurmat bl-ispiża totali għal din l-installazzjoni ta' dawn it-tabelli.*

   2. *Illi għal kull buon fini l-prezz huwa esaġerat.*

   3. *Illi kwindi l-pretensjonijiet tas-soċjeta' attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom.*

   4. *Salv eċċezzjonijiet oħra.*

## Provi:

3. Rat l-affidavit ta' **Adriano Runza** ippreżentat kontestwalment mar-rikors promotur (fol 2A).

4. Rat li fit-2 ta' Frar 2016, din il-Qorti ċaħdet it-talba sabiex il-proċeduri jinstemgħu b'mod sommarju u ordnat il-prosegwiment tal-kawża.

5. Rat l-affidavit ulterjuri ta' **Adriano Runza** ippreżentat fil-11 ta' Awissu 2016 (fol.22) u dokumenti magħha annessi.

6. Rat in-nota tas-soċjeta' attriċi li permezz tagħha irriduċew it-talba b'€1000 ossija l-ammont mitlub huwa ta' € 10,733.36 apparti l-imgħax u l-ispejjeż (fol.18).

7. Rat illi fis-6 ta' Diċembru 2016, is-soċjeta' rikorrenti ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippreżenta.

8. Rat ix-xhieda ta' Adriano Runza in kontro-eżami datata 13 ta' Marzu 2018 (fol 49).

9. Rat l-affidavit ta' **Alfred Grixti**, Viċi Sindku, Kunsill Lokali Ħaż Żebbuġ ippreżentat fit-13 ta' Marzu 2018 (fol 53) mill-intimati.

10. Rat ix-xhieda ta' **Paola Maria Valletta** prodotta mill-intimati mogħtija fis-17 ta' April 2018 (fol 83).

11. Rat ix-xhieda ta' **Sarah Agius** prodotta mill-intimati mogħtija fis-17 ta' April 2018 (fol 99).

12. Rat illi fis-17 ta’ April 2018 l-intimati ddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x’jippreżentaw.

13. Rat ix-xhieda ta’ Alfred Grixti, in kontro eżami, mogħtija fil-11 ta’ Ottubru 2018 (fol 103).

14. Rat in-nota tas-soċjeta’ rikorrenti ppreżentata fil-11 ta’ Ottubru 2018, li eżebiet kopja tal-ħarġa tal-magazin Citta Rohan 2012-2015 (fol 107).

15. Rat illi fit-2 ta’ Lulju 2019 dina l-Qorti, kif komposta, ħadet konjizzjoni tal-każ.

16. Rat ir-rikors tas-soċjeta’ rikorrenti ippreżentat fis-6 ta’ Settembru 2019, li permezz tiegħu talbu li jiġi eżebit affidavit ta’ Massimo Ellul nonostante li kienu diġà ingħalqu l-provi.

17. Rat li s-soċjeta’ rikorrenti iddikjarat li m’għandhiex iżjed provi fit-2 ta’ Novembru 2016, u l-intimati iddikjaraw li m’għandhomx aktar provi fis-17 ta’ April 2018, għalhekk fit-2 ta’ Lulju 2019, il-kawża tħalliet għat-trattazzjoni finali.

18. Rat li permezz ta’ digriet datat 5 ta’ Novembru 2019, il-Qorti awtorizzat il-preżentata tal-affidavit ta’ Massimo Ellul, in segwitu għat-talba fir-rikors datat 6 ta’ Settembru 2019.

19. Rat li fil-21 ta’ Jannar 2020, il-Kunsill Lokali tramite l-avukat difensur oġġezzjona għar-rikors tas-soċjeta’ rikorrenti datat 6 ta’ Settembru 2019, peress li ma kinitx notifikata b’dan.

20. Rat li l-Qorti ddegretat finalment permezz ta’ digriet datat 2 ta’ Marzu 2020, fejn ċaħdet it-talba tal-Kunsill Lokali Żebbuġ għar-revoka *contrario imperio* tad-digriet datat 5 ta’ Novembru 2019.

21. Rat l-affidavit ta’ **Massimo Ellul**, ippreżentat fis-6 ta’ Settembru 2019 (fol 114).

22. Semgħet ix-xhieda ta’ Massimo Ellul in kontro eżami datata 7 ta’ Ottubru 2021 (fol 143).

23. Semgħet ix-xhieda ta’ Paola Valletta datata 19 ta’ Jannar 2022 (fol 158).

24. Rat li fid-19 ta’ Jannar 2022, il-każ tħalla għas-sottomissjonijiet finali wara li ingħalqu l-provi.

25. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tas-soċjeta’ rikorrenti Media & Graphic Services Limited ippreżentata fis-17 ta’ Marzu 2022 (fol 163).

26. Rat illi l-intimati ma ppreżentaw ebda sottomissjonijiet bil-miktub fis-seduta tat-8 ta’ Ġunju 2022.

27. Rat illi fit-8 ta' Ġunju 2022 il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

## Fatti tal-każ

28. Permezz tal-każ odjern, is-soċjeta' rikorrenti, li pprovdiet servizzi ta' marketing lill-Kunsill Lokali ta' Ħaż Zebbug, qed titlob il-ħlas għal servizzi reżi da parti tas-soċjeta' rikorrenti lill-Kunsill Lokali ta' Ħaż Żebbuġ, liema servizzi kienu jirrigwardaw proġett ta' 'Heritage Trail' ġewwa Ħaż Żebbuġ li kien qiegħed jagħmel il-Kunsill Lokali.

29. Minn naħa l-oħra, l-konvenut Kunsill Lokali eċċepixxa fir-risposta li t-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li mhux minnu li l-Kunsill Lokali Ħaż Żebbuġ għandu jħallas il-bilanċ mitlub, dan peress li l-konsenja ta' reklamar ta' l-installazzjoni ta' tabelli fi Triq l-Imdina Żebbuġ ma kinitx ordnata jew awtorizzata formalament mill-Kunsill Lokali. Inoltre`, ġie eċċepit ukoll li l-ħlas mitlub huwa esaġerat, b'hekk il-pretensjonijiet tas-soċjeta' rikorrenti għandhom jiġu miċħuda.

30. Għandu jingħad li Adriano Runza, direttur tas-soċjeta' rikorrenti, filwaqt li ikkonferma li taw servizzi ta' 'advertising', 'marketing' u servizzi oħra lill-intimati, stqarr ukoll fl-affidavit tiegħu illi **l-ammont bilanċjali dovut huwa ta' €9,733.36**, u għal dan eżebixxa wkoll statement (fol 23-24).

31. Illi is-soċjeta' rikorrenti kienet ħadet il-kuntratt tax-xogħol tramite M & E Management Limited, u dan kif ikkonfermat ukoll minn Massimo Ellul, in rappreżentanza tas-soċjeta' M&E Management Limited, fejn jirriżulta, li Massimo Ellul kien konsulent tal-Kunsill Lokali Żebbuġ, anke preċedentement għax-xogħol mertu ta' dan il-każ.

32. Jirriżulta illi s-soċjeta' rikorrenti ippruvat ix-xogħol esegwit. Fil-fatt, ritratti tax-xogħol esegwit, jinsabu eżebiti fl-artikolu eżebiti a fol 26 u 27 tal-proċess, fejn jidhru artikoli bir-ritratti li jipproġettaw tnax-il personalita kollha relatati ma' Ħaż Żebbuġ. Mill-istess ritratti eżebiti jidher li dawn ir-ritratti ta' dawn il-personalitajiet twaħħlu mar-raħal ta' Ħaż Żebbuġ wara li sar ix-xogħol mis-soċjeta' rikorrenti.

33. Jirriżulta wkoll illi l-Kunsill Lokali ta' Ħaż Żebbuġ kiteb artikoli dwar din il-produzzjoni li saret mis-soċjeta' rikorrenti fir-rigward ta' dawn il-personalitajiet. Għalhekk, indubbjament, ix-xogħol sar u ġie esegwit.

34. Paula Marie Valletta, bħala Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali, bl-ebda mod ma kkontestat li x-xogħol ġie esegwit mis-soċjeta' rikorrenti. Madankollu, xehdet, li wara d-data tal-preżentata ta' dan il-każ il-kartelluni bjadu u sfumaw. Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż Żebbuġ isostni li l-ħlas mitlub huwa eċċessiv u esorbitanti, u li ma kienx hemm qbil dwar il-prezz, u li kwalita` tat-tabelli kienet inferjuri.

35. Madankollu, din il-Qorti tosserva li minkejja l-ilmenti da parti tal-Kunsill Lokali b'referenza għax-xogħol esegwit, ma jirriżultax, li l-Kunsill Lokali kien ħallas 'under protest' meta għamel l-ewwel pagament fir-rigward tax-xogħol esegwit, fosthom it-tabelli tal-personalitijiet Żebbuġin li ġew imwaħħla. Aktar ta' importanza għall-proċeduri odjerni, lanqas ma jirriżulta li l-Kunsill Lokali ippreżenta kontro-talba fir-rigward ta' dawn l-ilmenti li qed iressaq, fil-każ odjern.

36. Minn naħa l-oħra, is-soċjeta' rikorrenti eżebiet dokumenti, konsistenti fil-minuti tal-Aġenda tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż Żebbuġ, datata 4 ta' Diċembru 2014, a fol

28 *et sequitur*, li turi li l-Kunsill approva in-nefqa ta' €60,450.43. Jirriżulta wkoll, li mal-affidavit tad-Direttur tas-soċjeta' rikorrenti, Adriano Runza, ġie eżebit dokument li juri l-breakdown tal-ħlas, fejn jidhru items 36 u 56, Żebbuġ 'Personality Signs' u 'Sticker/Personality prints'. Dan id-dokument huwa dokument dwar l-iskeda tal-ħlasijiet - rapport ta' Xiri u Pagamenti tal-Kunsill Lokali Ħaż Żebbuġ, eżebit a fol 31 *et sequitur* tal-proċess.

37. Jirriżulta illi, minkejja li dawn l-ispejjeż jinsabu elenkati ma' l-ispejjeż tal-iskeda tal-Kunsill Lokali Ħaż Żebbuġ, il-pagament lis-soċjeta' rikorrenti baqa' ma sarx mill-Kunsill.

38. Il-Qorti ma tistax ma tosservax, b'mod inkredulu, illi filwaqt li l-istess Kunsill iċċelebra l-installazzjoni tal-varji tabelli madwar Ħaż Żebbuġ kollu u saħansitra kiteb artikolu fil-ħarġa tal-magazine tal-Kunsill Lokali ta' Diċembru 2014 (fol 26-27) fejn faħħar l-inizjattiva meħudha mill-Kunsill stess (!!!), ir-rappreżentanti ta' l-istess Kunsill telgħu l-Qorti jgħidu li l-Kunsill ma ordnax dawn it-tabelli.

39. Il-Kunsill saħaq, di fatti, li kien il-konsulent tal-Kunsill, Massimo Ellul li kien tahom istruzzjoni sabiex il-ħaddiema tal-Kunsill jinstallaw dawn it-tabelli, b'hekk il-Kunsill ħassu marbut b'dak li kien qal il-konsulent tiegħu Massimo Ellul – kien għalhekk illi huma jikkontendu li, għalkemm ix-xogħol sar w il-lokalita' ta' Ħaż Żebbuġ ibbenefikat mix-xogħol tas-soċjeta' rikorrenti, l-istess soċjeta' rikorrenti ma kellhiex titħallas!

40. Hija regola ġenerali li l-piż tal-prova huwa fuq min jafferma fatt, *onus probandi incubit ei qui dicit non ei qui negat*. (**Joseph Zammit vs Joseph Hili**, Vol XXXVII-I-578).

41. Fil-każ odjern, jirriżulta li s-soċjeta' rikorrenti ippruvat li hija pprovdiet ix-xogħol u servizzi lill-Kunsill Lokali, iżda l-Kunsill Lokali ma ħallasx il-bilanċ dovut.

42. L-intimati, da parte tagħhom, ma ressqu ebda tip ta' argument validu biex jikkontestaw il-pretensjoni tas-soċjeta' rikorrenti, u għalhekk ebda mill-eċċezzjonijiet minnhom imressqa jimmeritaw li jintlaqgħu.

43. Fid-dawl ta' dawn ir-riżultanzi, dak sostnut fl-eċċezzjonijiet ta' l-intimati, ma jreġġix għaliex mhux sodisfatt bil-provi.

44. Il-Qorti, madanakollu, ma tistax ma tosservax illi, għalkemm is-soċjeta' rikorrenti inizzjalment intavolat il-kawża għall-ħlas ta' €11,733.36, li hija tikkontendi kienu ċerti, likwidi u dovuti, sussegwentement irriduċiet l-ammont għal €10,733.36 permezz ta' nota datata 5 ta' April 2016, liema ammont, iżda, ma jidhirx illi huwa attwalment l-ammont finalment dovut, peress illi Adriano Runza, fl-affidavit tiegħu ppreżentat fil-11 ta' Awissu 2016, indika illi l-ammont attwalment dovut kien ta' €9,733.36 u ppreżenta wkoll statement in sostenn ta' dan.

45. In vista ta' dawna t-tibdiliet varji tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammont dovut, li inċidentalment jidher ċar li ma kienx ċert, likwidu u dovut, din il-Qorti ma tara ebda raġuni għaliex ma għandhiex tistrieħ fuq id-dikjarazzjoni ġuramentata ta' Adriano Runza datata 11 ta' Awissu 2016, filwaqt illi tordna wkoll illi imgħax huwa dovut mid-data tas-sentenza.

46. Għalhekk, din il-Qorti tikkonkludi, wara li evalwat il-provi, li għad hemm dovut lis-soċjeta' rikorrenti l-ammont ta' disat elef, seba' mija, tlieta u tletin ewro u sitta u tletin ċenteżmu (€9,733.36), li din għadha dovuta.

47. Konsegwentement, din il-Qorti ser tilqa' t-talba tas-soċjeta' rikorrenti, mhux kif inizzjalment mitlub, iżda skond kif ġie ippruvat.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali ippreżentati quddiemha;

Rat is-sottomissjonijiet tas-soċjeta' rikorrenti;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet ta' l-intimati**.**

**Tilqa' t-talba** tas-soċjeta' rikorrenti limitament kif ġej u dan billi:

Tiddikjara li l-intimati, għan-nom u in rappreżentanza tal-Kunsill Lokali Żebbuġ, għandhom iħallsu l-ammont ta'**disgħat elef, seba' mija, tlieta u tletin Ewro u sitta u tletin ċenteżmu (€9,733.36)** rappreżentanti bilanċ minn somma akbar ta' servizzi reżi mis-soċjeta' rikorrenti.

**Imgħax** jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

**L-ispejjeż**, inklużi dawk tal-ittra legali datata 22 ta' Diċembru 2015 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju preżentat kontestwalment mal-preżenti każ, ikunu kollha a kariku ta' l-intimati.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur